Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru 14,641, 16 ta' Settembru, 1986
Taqsima B

A.L. 57 ta' l-1986

ATT TA' L-1949 DWAR IL-LIĊENZI TAL-PULIZIJA (ATT NRU. XXXIV TA' L-1949)

Regolamenti ta' l-1986 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolmenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1986 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

G.N. 846 ta' l-1949

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara l-partita 102A fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan li ġej:

"102B. Biex wieħed ikollu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu xi video recorder, sew jekk ikollu imkorporat miegħu camera sew jekk le … … Lm5
Fis-sena".